6 ta' Marzu, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Lorenzo Brincat *versus* Bernard Zammit (*)

**Lokazzjoni d'Opera — Liċenzjament — Terminu — Nullità — Art. 1717 u 1721 tal-Kap. 23.**

*Meta l-lokatur d'opera jassumi li jagħti l-opra tiegħu mingħajr terminu, il-lokatur jista' liberament jilliċenzjah meta jrid. Għax meta ma hemmx terminu, il-konvenzjoni hija għal żmien illimitat, u konvenzjoni simili hija projbita bħala ħaġa li tmiss l-ordni publiku, li jrid protetta l-libertà tal-bniedem.*

*Għalhekk konvenzjoni simili hija nulla għaż-żewġ partijiet, u ma hemmx lok għal ebda azzjoni jekk il-liċenzjament ikun inġustifikat.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li hu kien impjegat bħala mastrudaxxa ma' "Muscat's Garage" tal-Gżira, u l-konvenut, bl-insistenza tiegħu u bil-promessa espliċita li jibqa' jżommu impjegat miegħu bħala 'shipwright', ġiegħel lill-attur jitlaq mill-imsemmi impjeg; illi l-konvenut, mingħajr ebda motiv u ġustifikazzjoni, fit-30 ta' Novembru 1948 illiċenzja mill-impjeg lill-attur; u li l-attur wara dan il-liċenzjament għadu ma setax isib xogħol, u b'hekk qiegħed isofri danni; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun dikjarat responsabili tad-danni kollha li sofra l-attur in vista tal-liċenzjament inġustifikat u tal-fatt li huwa tellfu l-impjeg li kellu mad-ditta fuq riferita — danni li għandhom jiġu likwidati f'dana jew f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Diċembru 1949, kontra l-konvenut, interpellat għas-subizzjoni;

***Omissis:***

---

(*) **Konfermata fl-Appell, 4. 6. 1951.**

Trattata l-kawża, ikkunsidrat ;

L-azzjoni esperita mill-attur hi fondata fuq żewġ kawżali : waħda illi l-konvenut tellfu l-impjeg li kellu, u l-oħra illi l-konvenut illiċenzjah inġustament wara li ppromettielu li jżommu miegħu għal dejjem ;

Il-provi ma jsostnux l-assunt li l-konvenut tellef lill-attur l-impjeg li kellu. Irriżulta illi............... ;

Kwantu għal-liċenzjament inġustifikat, l-attur lanqas jippretendi li kien hemm terminu, u għalhekk ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-art. 1721, Kap. 23. L-attur isostni li l-konvenut wegħdu li jżommu miegħu għal dejjem. Kieku dina l-promessa kienet assodata, forsi kien ikun il-każ li wieħed jidħol fid-diskussjoni dottrinali jekk, għalkemm il-liġi fl-art. 1717 Kap. 23 tipprojbixxi li l-bniedem jintrabat li jippresta l-opera tiegħu għal xi żmien jew għal xi biċċa xogħol partikulari, hijiex ugwalment projbita l-obligazzjoni, mhux tal-lokatur, iżda tal-konduttur, li jżommu miegħu lill-lokatur għal dejjem—diskussjoni li tista' twassal għal pariri diskordi (ara Ricci, Vol. VIII, para. 210). Imma fil-każ in speċje ma hemmx lok għal dana l-pont ; għaliex il-provi juru li l-impjeg kien okkażjonali, ċjoè skond ix-xogħol ta' bastimenti tad-ditta tal-konvenut............... ;

Għalhekk, ladarba ma kienx hemm terminu, allura l-liċenzjament hu liberu. Infatti, meta ma hemmx terminu, allura l-konvenzjoni hi għal żmien illimitat, u din hija projbita bħala ħaġa li tmiss l-ordni publiku, li jrid protetta l-libertà personali tal-bniedem. Kwindi hija nulla għat-tnejn, u ma hemmx lok għal ebda azzjoni għal-liċenzjament inġustifikat (ara Ricci, loc. ċit., para. 209, l-ewwel parag. u para. 211 l-ewwel parag.) ;

Għal dawna l-motivi ;

Tiddeċidi billi teskludi d-domanda ; bl-ispejjeż kontra l-attur.